MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Helga Debono)**

**vs**

**Anthony Formston ta' 35 sena,**
**iben Anthony u Carmen nee Fenech,**
**imwieled Pieta' fit-18/11/1967**
**u joqghod fl-indirizz 177, Flat 13,**
**St Christopher Street, Valletta,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 476667M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Formston li gie akkuzat talli fil-21 ta’ Dicembru, 2002 fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol, tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbha b’qerq u cioe 41 video cassettes allegatament foloz li nstabu fuq il-monti tal-Belt u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ii. ukoll talli safa recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 24.06.1993 u 20.06.2000.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Issibu hati fuq ammissjoni wara li rat l-Art 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-kap 9 u Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tikkundannah ghall-hlas ta’ Lm 70 (sebghin) lira Multa li jithallsu f’zewg rati mensili.

Tordna l-konfiska tal-videos esebiti formalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------